# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 470**

**It-Tnejn 19 ta' Diċembru, 2016**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Domenic Agius – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Agius (Is-Sway) – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Bonnici – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

John J Pace – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Duncan Busuttil – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici ppresieda l-laqgħa.

**470.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

470.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur John J Pace. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Pace jiġi skużat.

470.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġibed l-attenzjoni li, fil-każ tal-attendenza tal-Kunsillieri għal-laqgħat tal-Kunsill, l-Att legali li jirregola l-*allowance* tal-Kunsillieri, jeskludi kull raġuni għall-assenzi.

470.1.3 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fl-opinjoni tiegħu, f'każ ta' safar jew mard, il-Kunsillier m'għandux jitqies bħala assenti imma għandu jitqies bħala skużat.

470.1.4 Is-Sur Mark Grech staqsa jekk jinqatax l-*allowance* tal-Kunsillieri jekk jattendu attività relatata max-xogħol tal-Kunsill li tinzerta fl-istess ħin tal-laqgħa.

470.1.5 Is-Segretarju qal li kif inhi l-liġi bħalissa m'hemmx din l-eċċezzjoni.

470.1.6 Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill joġġezzjona mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar ir-raġunijiet għall-assenzi mil-laqgħat tal-Kunsill.

**470.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

470.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 469.1.1 ta' paġna 441 u minflok il-kliem 'u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija' jidħol il-kliem 'Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Spiteri jkun skużat.'

470.2.2 Il-minuti tal-469 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku.

**470.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

470.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jiddiskuti *item* 470.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

## 470.4 Tweġibiet għall-Mistoqijiet tal-Kunsillieri

470.4.1 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lil Transport Malta sabiex issir iz-*zebra crossing* fi Triq il-Vittorja

470.4.2 Is-Sindku qal illi kien ser imur s-*surveyor* ta' Transport Malta sabiex tkun tista' issir iz-*zebra crossing* fi Triq il-Vittorja.

470.4.3 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva d-disinn tal-proġett propost sabiex isir *car park* f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

470.4.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa li kellu mal-Perit ta' Transport Malta, ġie nfurmat illi l-proġett propost sabiex isir *car park* f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi ma kienx vjabbli u qal illi kien hemm il-ħsieb li dan il-*car park* isir fi Triq id-Dukkar.

470.4.5 Is-Sur Mark Grech ressaq ilment li kien irċieva mill-ħaddiema tal-iskola relatat mal-problema ta' parkeġġ.

470.4.6 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu ma' Transport Malta kienet ġiet diskussa l-possibiltà li l-venda l-antika ta' Ħaż-Żabbar issir żona pedonali.

470.4.7 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill irċiviex risposta minn Transport Malta dwar it-talba biex issir *road hump* fi Triq iż-Żingla. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

470.4.8 Il-Viċi-Sindku tkellem dwar l-istat ħażin ta' Triq San Leonardu, il-parti tat-triq li tinsab fil-viċinanzi tal-ġibjun. Il-Viċi-Sindku talab li jintbgħatu ritratti lil Transport Malta dwar l-istat ta' din it-triq.

470.4.9 Is-Sur Joseph Agius tkellem ~~dwar ir-rapport tal-Awditur Ġenerali~~ rigward il-punti mqajjma mill-Awditur Ġenerali dwar l-operat tal-Kunsilli Lokali. (Emendat)

470.4.10 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx twaħħal l-*access point* f'Misraħ San Ġakbu u fi Ġnien il-Kunsill.

470.4.11 Is-Sur Joseph Agius semma' il-ħtieġa li ssir *road hump* fi Triq San Ġużepp fil-viċinanzi ta' Triq Villabate.

470.4.12 Is-Sur Joseph Vella qal illi kienet saret *road hump* fi Triq Wiġi Bongailas. Is-Sur Vella talab li jitwaħħlu t-tabelli tat-traffiku li jindikaw li hemm *road hump* f'din it-triq.

470.4.13 Is-Sur Joseph Vella staqsa meta kien ser jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kunvent. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol kien ser jinbeda fil-ġranet li ġejjin.

### 470.5 Attività fil-Karnival

470.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata l-attività tal-Karnival f'Ħaż-Żabbar nhar il-Ħadd 26 ta' Frar, 2017 fit-tlieta ta' wara nofsinhar.

470.5.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-kumpanija *Leon Promotions* tkun responsabbli mill-organizzazjoni tal-Karnival fil-lokalità għall-ħlas ta' €1,160.

470.5.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel iddoqq fl-okkażjoni tal-Karnival u fl-okkażjoni ta' Ħadd in-Nies għall-prezz ta' €1,160.

470.5.4 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi organizzat *Christmas Football Tournament* għat-tfal fil-*ground* tal-*football* tas-*St Patrick.* L-ispiża tal-Kunsill ser tikkonsisti fil-kiri għall-użu tal-*ground* u l-ispiża relatata ma' tifkira ta' parteċipazzjoni lill-parteċipanti.

### 470.6 Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikati ta' Ħajr

470.6.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir eċċezzjoni ta' darba u din is-sena Jum Ħaż-Żabbar jiġi ċċelebrat fil-31 ta' Jannar, 2017 meta jsir ukoll il-ftuħ uffiċċjali tal-proġett ta' tisbiħ fi Ġnien il-Kunsill.

470.6.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li fl-attività tal-31 ta' Jannar 2017, iċ-ċelebrazzjonijiet jibdew fil-ħamsa ta' filgħaxija bil-ftuħ uffiċjali ta' Ġnien il-Kunsill li ser isir mill-Prim Ministru ta' Malta, is-Sur Joseph Muscat.

470.6.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-serata Mużiko-Letterarja ssir fis-sitta ta' filgħaxija fi Ġnien il-Kunsill. Wara jsir riċeviment tal-okkażjoni.

470.6.4 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-ikel għar-riċeviment ta' Jum Ħaż-Żabbar jiġi ordnat mingħand *St Catherine's* Bakery liema spiża għandha tammonta għal mhux aktar minn €1,164.

470.6.5 Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa illi għall-ftuħ tal-Proġett ta' tisbiħ fi Ġnien il-Kunsill kif ukoll għal matul s-serata Mużiko Letterja, ikun hemm sigurtà biex ikun hemm il-bonordni.

470.6.6 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li għal din is-sena ma jsirx il-korteo għat-tqegħid ta' kuruni mal-monumenti Żabbarin.

470.6.7 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-monument tal-Bamboċċu fi Ġnien il-Kunsill jiġi spustjat għal maġenb it-Teatru Grieg sabiex issir l-irħama kommemorattiva filwaqt li jinstab post addattat għal irħama oħra li tfakkar il-ftuħ uffiċċjali ta' Ġnien il-Kunsill fis-sena 1997.

470.6.8 Is-Sur Joseph Vella talab sabiex il-Kunsill jitlob parir tekniku biex b'hekk jiġi assigurat li xogħlijiet ta' twaħħil tal-irħam kommemorattivi isiru skont il-proċeduri.

470.6.9 Is-Sur Joseph Vella ssuġġerixxa li jitwaħħal arblu bil-bandiera tal-Kunsill jew issir l-arma tal-Kunsill fi Ġnien il-Kunsill.

470.6.10 Is-Sindku talab li jitressqu n-nominazzjonijiet għall-Onorifiċenzi ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr li ser jingħataw mill-Kunsill f'Jum Ħaż-Żabbar.

470.6.11 Is-Sur Joseph Buttigieg ippropona li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lil Dr Francis Agius, ex-Kunsillier u ex-Membru Parlamentari. Is-Sur Joseph Bonnici issekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg.

470.6.12 Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) ippropona li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lis-Sinjura Maria Camilleri. Ma kienx hemm sekondant għal din il-proposta.

470.6.13 Is-Sindku ppropona li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lill-Onorevoli Joe Mizzi u lill-Onorevoli Dr Helena Dalli bħala rikonoxximent tax-xogħol li għamlu f'Ħaż-Żabbar. Il-Viċi Sindku issekonda l-proposta tas-Sindku.

470.6.14 Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li għal din is-sena issir eċċezzjoni u Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lil tliet persuni.

470.6.15 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lill-Onorevoli Joe Mizzi, lill-Onorevoli Dr Helena Dalli u lill Dr Francis Agius.

470.6.16 Il-Kunsill għadda għan-nominazzjonijiet għall-għoti taċ-Ċertifikati ta' Ħajr.

470.6.17 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Rodmar Pulis għall-impenn tiegħu fil-qasam sportiv.

470.6.18 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Clayton Failla li wkoll għamel suċċess fil-qasam sportiv.

470.6.19 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lill-Perit George Buhagiar għax-xogħol tiegħu fil-Kunsill.

470.6.20 Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr *post humously* lil Tamara Psaila.

470.6.21 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lil Mark Anthony Magro għall-impenn tiegħu fil-parroċċa.

470.6.22 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-użu tas-siġill uffiċjali tal-Kunsill għal fuq iċ-ċertifikati li ser jiġu ppreżentati f'Jum Ħaż-Żabbar nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar, 2017.

**470.7 Abbozz tal-Estimi Annwali 2017**

470.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2017. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku.

470.7.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali pubblika ssir nhar il-Ħamis 5 ta' Jannar, 2017 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**470.8 Ħatra ta' Kumitat t'Evalwazzjoni tal-offerti għas-servizz ta' *Works Manager – Project Co-Ordinator* mal-Kunsill Lokali (ZLC 4/2016)**

470.8.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti ta' *Works Manager – Project Co-Ordinator* mal-Kunsill Lokali u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Robert Buhagiar u mill-Kunsilliera s-Sur ~~Joseph Buttigieg~~ Brian Spiteri u s-Sur Mark Grech. (Emendat)

**470.9 Ħatra ta' Bord tal-Intervisti għall-espressjoni t'interess għas-servizz ta' librar/a**

470.9.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Bord tal-Intervisti għall-espressjoni t'interess għas-servizz ta' librar/a. Dan il-Bord għandu jkun kompost mis-Sindku bħala

*Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Kunsillieri s-Sur Joseph Vella u s-Sur Joseph Buttigieg u minn rappreżentant tad-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi.

**470.10 Ħatra ta' Deputat Segretarju tal-Kunsill Lokali**

470.10.1 Dwar iċ-Ċirkulari 16/2016 is-Sindku talab li l-Kunsill jitlob kjarifika lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali peress illi ħafna mill-persuni li qiegħdin fil-lista tal-*pool* tas-Segretarji Eżekuttivi kienu diġa qed iservu bħala Segretarji Eżekuttivi f'Kunsilli Lokali oħra.

**470.11 Approvazzjoni ta' lista ta' kotba Żabbar – *A Living History* li ngħataw bħala *complimentary***

470.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-lista ta' kotba Żabbar – *A Living History* li ngħataw bħala *complimentary* bejn il-31 ta' Diċembru, 2015 u s-16 ta' Dicembru, 2016 li kienu jammontaw għal ħdax-il ktieb. Din il-lista ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici.

470.11.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-kuntratt għas-servizz ta' manutenzjoni ta' bankini u toroq f'Ħaż-Żabbar. Dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Robert Buhagiar, mill-Perit Edric Micallef u mis-Sinjura Maria Livori.

470.11.3 Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq quddiem il-Kunsill lista ta' kotba kif preżentata lilu mis-Surmast ta' Skola Primarja Ħaż-Żabbar B, sabiex jinxtraw għal-librerija tal-iskola. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw dawn il-kotba.

**470.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

470.12.1 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 ta' Novembru 2016 u d-19 ta' Diċembru 2016 li kienet tammonta għal €52,571.67.

470.12.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Novembru 2016 li kien jammonta għal €68.53.

470.12.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill stima mibgħuta mingħand *Amabile Galea & Sons Limited* sabiex isir bieb tal-ħadid galvanizzat, bieb tal-*aluminium* u żewġ bokkaporti tal-azzar galvanizzati sabiex jitwaħħlu fi Ġnien il-Kunsill, liema spiża tammonta għal €1,046.66 (Vat Inkluż). Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan ix-xiri.

470.12.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill stima mibgħuta mingħand *Andrew Vassallo General Trading Limited* għal *grating* galvanizzat minħabba l-ilma tax-xita mal-bankina tal-*pelican crossing* li ser issir fi Triq Wied il-Għajn, u dan għall-prezz ta' €987.24. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan ix-xogħol.

470.12.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill Direttiva numru 5/2016 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali relatata mad-Donazzjonijiet mill-Kunsill.

470.12.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2017 tal-Kunsill ser tkun ta' €899,960.86. Is-Segretarju qal ukoll illi din l-allokazzjoni kienet tinkludi l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kumitat Amministrattiv St Peter li għad trid tkun magħrufa.

470.12.7 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li terġa' tiġi organizzata *Career Fair* f'Ħaż-Żabbar.

470.12.8 Is-Segretarju Eżekuttiv semma l-ħtieġa illi jsir *refurbishment* fis-sala tal-Kunsill.

470.12.9 Is-Sindku qal illi kien ser isir ix-xogħol sabiex titwessa l-bankina ta' quddiem il-*Bank of Valletta* peress illi r-rampa eżistenti kienet qed tingombra l-aċċess għall-pubbliku. Is-Sindku qal illi kien is-Sur Grech li għamel l-arranġamenti neċessarji mal-*Bank of Valletta* sabiex titwessa' il-bankina.

470.12.10 Is-Sur Joseph Vella ssuġġerixxa illi l-Grupp Armar Parroċċa Madonna tal-Grazzja Żabbar jarmaw l-arblu tal-festa li kien hemm quddiem il-*Bank of Valletta* fi Triq is-Santwarju fl-aħħar ġranet qabel il-festa u jinqala' mill-ewwel hekk kif tintemm il-festa.

470.12.11 Il-Viċi-Sindku qal illi kienet tqaċċtet siġra fiż-żona ta' Buleben iz-Żgħir li riedet tiġi miżbura.

470.12.12 Il-Viċi-Sindku talab ukoll sabiex isiru *parking bays* fi Triq l-Inkurunazzjoni.

470.12.13 Is-Sur Brian Spiteri qal illi l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar, ser itella' kunċert mużikali fl-okkażjoni tal-ewwel tas-sena.

470.12.14 Is-Sur Joseph Bonnici talab li jittella' il-ħajt tas-*soft area* li hemm fi Triq il-Luq.

470.12.15 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ż-*zebra crossing* li hemm fi Triq tal-Labour issir *pelican crossing* viċin il-*Convenience shop*.

470.12.16 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jiġi rranġat ħajt fi Triq il-Kapuċċini fil-viċinanzi tal-uffiċċju tal-*Middlesea Insurance*.

470.12.17 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill li fid-19 ta' Jannar, 2017 kienet ser issir attività għall-anzjani.

470.12.18 Is-Sur Joseph Agius irringrazzja lill-Kunsill għall-bankina li saret fi Triq Strickland.

470.12.19 Is-Sur Joseph Agius qal illi l-kunċert mużikali li sar bejn il-Kunsill u s-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ kien suċċess.

**470.13 Mozzjonijiet**

470.13.1 Ma ġewx imressqa mozzjonijiet bil-miktub.

**470.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

470.14.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2017.

**IFFIRMATA**

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-471 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 16 ta' Jannar, 2017.

**IFFIRMATA**

Marc Vella Bonnici
Sindku